# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa (4) ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 42/2010 FDP**

Fl-ismijiet

**Jean Pierre Sant (I.D.557782M)**

**Vs**

**Direttur Ġenerali VRFCC (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control), Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li b'digriet tad-19 ta' Lulju 2016 inbidlu rispettivament għal Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura u l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.**

**Prim Ministru u Kummissjoni Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti:-**

1. Rat illi fil-25 ta' Ġunju 2010, ppreżenta rikors li permezz tiegħu ir-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi l-esponenti kien fl-ingaġġ tad-Dipartiment Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control u kien ilu f'dan l-ingaġġ sa mis-sena 2003 u kien jokkupa l-grad ta' Fisheries Protection Officer.*

*Illi nhar it-18 ta' Novembru 2008 kienet ġiet imdaħħla qoxra tas-sajd Spanjola u kienu ttieħdu passi kriminali kontra l-kaptan ta' din id-dagħjsa stante illi kien qed jistad fl-ibħra territorjali Maltin;*

*Illi pendenti dawn il-proċeduri kienet ġiet sekwestrata l-qabda tal-ħut fuq din il-qoxra tas-sajd.*

*Illi in segwitu għal din il-konfiska kien sta għad-Dipartiment li jieħu dawk il-provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jippreserva l-ħut hekk sekwestrat.*

*Illi stante l-qabda kbira, li kienet tikkonsisti fil-maġġor parti tagħha f'King Prawns, inqalgħet diffikulta peress illi d-Dipartiment ma kellux friża li żżomm it-temperatura li fiha kienet qed tinżamm din il-qabda (-60C) meta kienet għadha fuq id-dgħajsa, u għaldaqstant kien hemm perikolu serju ta' ħsara irreversibbli lill-istess qabda.*

*Illi l-persuna inkarigata li kellha kontroll fuq iċ-ċwievet tal-friża li kien jaf bil-każ filgħodu kmieni, siefer dak il-jum stess u kellu jħalli ċ-ċwievet ma' terza persuna, liema persuna pero' ma ħallietx dawk iċ-ċwievet neċessarji sabiex tinfetaħ anke l-friza li hemm. Għalhekk ġie f'dan l-istadju fl-impossibilita fiżika li jagħmel dak li kien lilu indikat li kellu jsir.*

*Illi sabiex jinġarr dan il-ħut minn fuq id-dgħajsa għall-istess friża tal-pixkerija kien hemm bżonn ukoll li jitqabbad trakk freezer, ħaġa li l-esponent ma kellux awtorita' li jagħmel.*

*Illi r-responsabbilita ta' fejn ser jinżamm dan il-ħut waqgħet fuq l-esponenti u huwa mexa fuq deċiżjoni preċedenti f'każijiet simili.*

*Illi l-esponenti, rinfaċċjat b'din il-problema ddeċieda li jżomm din il-qabda fil-friża ta' l-istess skuna li kienet maqbuda fil-port ta' Malta.*

*Illi pendente dan kollu, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ordnat ir-rilaxx ta' l-imsemmija skuna tas-sajd bil- konsenja ta' ħut.*

*Illi wkoll, pendenti l-proċeduri, id-Direttur Ġenerali Dr. Anthony Gruppetta kien ta' struzzjonjijiet sabiex din il-qabda ta' ħut tinbiegħ fuq is-suq bil-konsegwenza illi huwa kien qed jappropja għalih dritt ta' ġudizzju u eżekuzzjoni penali li huma spettanti per lege biss lill-Qrati Maltin u ppretenda li l-Qorti meta tinfliġġi l-piena li lilha kienet tidher ġustifikata, kellha toqgħod għal dik l-ordni tad-dipartiment.*

*Illi nonostante d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li fl-ebda hin ma ordnat il-konfiska tal-ħut, id-Dipartiment, minflok ma ntavola appell min din id-deċiżjoni, żamm responsabbli għan-nuqqas ta' bejgħ tal-ħut lill-esponenti u permezz ta' ittra l-esponenti safa intortament akkużat b'negliġenza meta fir-realta' l-esponenti mexa mad-deċiżjoni tal-Qorti.*

*Illi in segwitu id-Dipartiment informa lill-esponenti li kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji dwar l-akkadut u għal din l-ittra l-esponenti ntavola risposta eżawrjenti li permezz tagħha spjega l-akkadut u dan kif jirriżulta minn kopja ta' l-istess hawn annessa.*

*Illi in segwitu għal din ir-risposta beda is-smigħ tal-każ quddiem Bord appuntat li lesta r-rapport tiegħu fis-7 ta' April 2009 in segwitu għal liema inbeda s-smigħ quddiem il-PSC nhar is-7 ta' Mejju 2009.*

*Illi l-impjieg tal-esponenti minn mal-Gvern ġie terminat mill-Prim Ministru fuq parir tal-PSC skond l-ittra tal-20 ta' Lulju 2009 kopja ta' liema qiegħda hawn tiġi annessa. (Dok. 'A')*

*Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bil-mod kif tmexxew il-proċeduri quddiem il-PSC fil-konfront tiegħu u jikkontendi illi l-proċedura adotta mill-Bord tad-Dixxiplina kienet waħda monka u dan billi kien hemm nuqqas serju proċedurali li jirrendi l-istess deċizjoni tal-bord nulla.*

*Illi tali nuqqas primarjarment jikkonsisti fin-nuqqas ta' rappreżentant tad-dipartiment quddiem il-bord sabiex dan ir-rappreżentant iġib 'il quddiem il-pożizzjoni tad-dipartiment. Dan in-nuqqas wassal lill-istess Chairman u lill-membri tal-Bord li jagħmlu l-każ bħala tagħhom.*

*Illi dan l-aġir da parti taċ-Chairman u tal-membri tal-Bord indubbjament wassal għal ksur tal-prinċipju fundamentali 'nemo judex in causa propria' billi l-ġudikant tal-fatt kien ukoll il-prosekutur.*

*Illi din is-sitwazzjoni ma kenitx waħda biss apparenti imsejsa fuq in-nuqqas tar-rappreżentant tad-dipartiment, iżda hija waħda ċara u manifesta fil-mistoqsijjiet li saru waqt is-smigħ kif rapportati fl-istess deċizjoni ta' dan il-bord, kif ukoll fir-rapport innifsu fejn il-bord ma wieżen ebda naħa kontra oħra iżda biss ippreżenta il-pożizzjoni tad-dipartiment mingħajr ma ta' ebda widen għal dak kollu preżentat quddiemu b'mod oġġettiv kif kien dovut li jagħmel bħala l-ġudikant tal-fatti u dan kif jirriżulta mil-kopja hawn annessa. (Dok. 'B')*

*Illi in segwitu ta' dan ir-rapport dipartimentali, aktar minn rapport ta' bord ta' dixxiplina, il-PSA mingħajr ma ħadet konjizzjoni ta' dawn il-fatti hekk importanti għal kwalunkwe tribunal aġġudikattiv, baqgħet fuq l-istess premessi vantati minn dan il-bord u għalkemm icto oculi mxiet proċeduralment korreta billi semgħet lil Jean Pierre Sant fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2009, l-istess ma ngħataw ebda piż lill-fatti korroborati minn xhieda ta' terzi estraneji dwar il-fatti konċernanti l-każ kif esposti mir-rikorrent, u bagħtet rapport konfermattiv ta' dak sottomess mill-bord ta' dixxiplina.*

*Illi din is-sitwazzjoni rrendiet id-deċizjoni meħuda mill-Prim Ministru, u ċioe' dik ta' tkeċċija mill-impjieg tal-istess esponenti, bħala waħda nġusta u meritevoli ta' nullita billi kienet imsejsa fuq premessi ħżiena w intiża biss sabiex taħbi n-nuqqasijiet dipartimentali li tagħhom l-istess esponenti ma huwiex u ma għandux jinżamm responsabbli.*

*Illi a terminu tas-sub inċiż 4 tar-regolamet 33 tar-regolamenti dwar il-PSC, l-esponenti ntavola talba sabiex il-PSC jiddikjara, għar-raġunijiet premessi, din id-deċiżjoni ta' tkeċċija bħala nulla u bla effett u jordna sabiex l-esponent jiġi immedjatament ri integrat fl-istess grad ta' impjieg tiegħu u jingħata dik il-paga u benefiċċji mistħoqqa lilu u mitlufa minħabba dik id-deċiżjoni li lediet fuq id-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent. (Dok. 'C')*

*Illi r-risposta li ngħatat kienet waħda li tiddikjara li wara l-aċċertamenti rikjesti il-PSC ma sabx li kien hemm ksur kif dikjarat. (Dok. 'D')*

*Illi permezz ta' din id-deċiżjoni, li hija waħda inġusta u meritevoli ta' nullita billi kienet imsejsa fuq premessi ħżiena u intiża biss sabiex taħbi n-nuqqasijiet dipartimentali li tagħhom l-esponenti ma huwiex u ma għandux jinżamm responsabbli, huwa bagħta u ser ikompli jbgħati preġudizzju billi ntefgħet fuqu ħtija li ma jawguraw xejn sabiħ fuqu meta huwa jersaq għal impjieg.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti, filwaqt li jġib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitlobha bir-rispett tagħtih dawk ir-rimedji kollha, taħt dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa u opportuni sabiex id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti jiġu protetti u dan billi tiddikjara d-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrenti bħala nulla u bla effett u tordna illi r-rikorrenti jiġi ri-integrat fl-istess grad ta' impjieg li kellu u li jingħata b'lura sa mid-data tat-tkeċċija dik il-paga u benefiċċji mistħoqqa lilu u mitlufa minħabba dik id-deċiżjoni li lediet fuq id-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif sanciti a terminu ta l-Art 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u s-subinċiż 10 tal-Art 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

2. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2010 id-Direttur Ġenerali VRFCC (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control), Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-Prim Ministru irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

*Illi l-esponenti jirrilevaw li ġew notifikati bir-rikors promotur u bl-Avviż tas-Smigħ u bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 30 ta' Ġunju 2010, nhar it-2 ta' Lulju 2010 u għaldaqstant l-intimati jitolbu aktar żmien biex iressqu risposta ulterjuri peress li ma*

*kellhomx żmien biżżejjed sabiex jagħmlu l-verifiki neċessarji fil-każ odjern u biex jippreżentaw risposta dettaljata.*

*Illi f'dan l-istadju l-intimati jeċċepixxu s-segwenti:*

*Illi in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors promotur u tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ai termini ta' l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap. 319) stante li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti opportuna ai termini tal-liġi u mhux intitolat li jintavola din il-proċedura li hija straordinaija u eċċezzjonali.*

*Illi preliminarjament ukoll, il-'Ministeru Riżorsi u Żvilupp Rurali' (kif ġie indikat fl-okkju) u l-Prim Ministru mhumiex il-leġittimi kontradittituri a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi preliminarjament ukoll, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika l-paragrafu numru 5 tar-Regolament numru 3 u tordna lir-rikorrent jirregola ruħu stante li r-rikors kif redatt mhux konformi mar-Regolament numru 3 dwar il-Prattika u l-Proċedura u l-Buon Ordni fil-Qrati peress li lanqas biss jispeċifika l-Artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja a bażi ta' liema qed jallega li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu. Konsegwentement ir-rikors promotur mhux konformi mar-Regolament numru 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura u l-Buon Ordni fil-Qrati (SL 12.09) li jistipula illi:*

*"3. (1) Rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura. "*

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li jidher li ma kienx hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi kif allegati fir-rikors promotur.*

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju ukoll, l-esponenti jirribattu bil-qawwa l-allegazzjonijiet tar-rikorrent stante li jirriżulta li r-rikorrent spiċċa billi tkeċċa mis-servizz wara proċeduri dixxiplinari, b'konsegwenza diretta ta' l-aġir irrisponsabbli tiegħu stess, meta għażel li ma jsegwix 1-istruzzjonijiet speċifiċi ta' l-intimat Direttur Ġenerali ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap 425), kif del resto kellu kull obbligu li jagħmel bħala uffiċċjal inkarigat mir-Regolamentazzjoni u l-Implimentazzjoni tas-Sajd li jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tad-Dipartiment għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd. A kuntrarju, jirriżulta li r-rikorrent aġixxa kontra l-istruzzjonijiet speċifiċi ta' l-intimat Direttur Ġenerali u tad-disposizzjonijiet tal-Kap 425, a skapitu ta' l-interessi tad-Dipartiment kompetenti f'dan ir-rigward.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li huwa mingħajr bażi ġuridika jew fattwali, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

3. Rat illi fit-28 ta' Lulju 2010, id-**Direttur Ġenerali Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control** (VRFCC), **Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali** u l-**Prim Ministru** ippreżentaw risposta ulterjuri fejn qajmu is-segwenti difiżi:

*Illi fir-risposta preliminari tagħhom l-esponenti eċċepew tliet eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li għall-fini tal-kompletezza qegħdin jiġu elenkati. mill-ġdid f'din ir-risposta ulterjuri:*

*1. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors promotur u tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ai termini ta' l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap. 319) stante li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti opportuna ai termini tal-liġi.*

*2. Illi preliminarjament ukoll, il-Ministeru Riżorsi u Żvilupp Rurali (kif ġie indikat fl-okkju) u l-Prim Ministru mhumiex il-leġittimi kontradditturi a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Illi preliminarjament ukoll, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika l-paragrafu numru 5 tar-Regolament numru 3 u tordna lir-rikorrent jirregola ruħu stante li r-rikors kif redatt mhux konformi mar-Regolament numru 3 dwar il-Prattika u l-Proċedura u l-Buon Ordni fil-Qrati (SL 12.09) peress li lanqas biss jispeċifika l-Artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja a bażi ta' liema qed jallega li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*4. Illi b'żieda ma' dawn l-eċċezzjonijiet, in linea preliminari wkoll, jiġi eċċepit in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-mertu tar-rikors promotur huwa dwar ingaġġ u tkeċċija mis-servizz pubbliku, liema ingaġġ huwa ta' kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku li ma jqanqal l-ebda kwistjonijiet dwar drittijiet fundamentali. Għalhekk il-kwistjoni taqa' fil-mansjoni esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ġaladarba l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkun ippronunċjat id-deċiżjoni tagħha, tali deċiżjoni a tenur ta' l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhix sindakabbli mill-Qrati stante li l-Kostituzzjoni tipprovdi protezzjoni lill-istess Kummissjoni minn proċeduri legali.*

***Eżżezzjonijiet fil-Mertu***

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti diġa' eċċepew fir-risposta preliminari tagħhom li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi kif allegati fir-rikors promotur u dan għar-raġunijiet kif elenkati aktar 'il quddiem f' din ir-risposta:*

***A. Il-Fatti***

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju wkoll, l-esponenti jirribattu bil-qawwa l-allegazzjonijiet tar-rikorrent stante li jirriżulta li r-rikorrent tkeċċa mis-servizz pubbliku wara proċeduri dixxiplinari, unikament kawża ta' l-aġir irresponsabbli tiegħu, meta għażel li ma jsegwix l-istruzzjonijiet speċifiċi ta' l-intimat Direttur Ġenerali skond l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap 425), kif kellu kull obbligu li jagħmel bħala uffiċċjal inkarigat mir-Regolamentazzjoni u l-Implementazzjoni tas-Sajd li jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tad-Dipartiment għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd. Għandu jirriżulta li dan l-aġir tar-rikorrent kien a skapitu ta' l-interessi tad-Dipartiment kompetenti f'dan ir-rigward, li huwa kien qed jirrapreżenta.*

*Illi in sostenn ta' din l-eċċezzjoni, l-esponenti jħossu l-ħtieġa li jiġu spjegati l-fatti li taw lok għall-vertenza odjerna u dan peress li r-rikors promotur fih diversi ineżattezzi u skorrettezzi. Il-fatti kif magħrufa lill-esponenti huma s-segwenti:*

- *Fit-18 ta' Novembru, 2008, Dr. Anthony Gruppetta, id-Direttur Ġenerali VRFCC li kien qiegħed imsiefer fuq xogħol il-Marrakesh, fil-Marokk, irċieva telefonata li permezz tagħha nfurmawh illi kien hemm skuna Spanjola li kienet qiegħda tistad fiż-żona tal-25 mil li nqabdet u li kienet qiegħda tiddaħħal il-port tal-Belt Valletta u li kellha tasal wara nofsinhar.*

- *Id-Direttur Ġenerali ċempel lil Jean Pierre Sant sabiex jinfurmah li huwa kellu jieħu ħsieb iħott il-qabda u konsegwentement iqabbad lis-sur Ernest Galea sabiex jirkanta l-qabda tal-ħut l-għada filgħodu fil-pixkerija.*

- *Jean Pierre Sant kien infurmat li huwa kellu jieħu ħsieb dan peress li s-sur Frans Caruana, il-Fisheries Protection Officer li normalment jieħu ħsieb il-pixkerija, kellu wkoll jsiefer fuq xogħol aktar tard dakinhar stess. Għalhekk, Dr. Gruppetta ta' struzzjonijiet lil Jean Pierre Sant sabiex ikellem lil Frans Caruana sabiex jikkoordina il-proċeduri meħtieġa miegħu.*

- *Illi skond is-spjegazzjoni mogħtija mir-rikorrent, hu ftiehem ma' l-avukat ta' l-iskuna Spanjola li jħalli l-qabda tal-ħut abbord l-istess skuna peress li huwa allega li ma sabx iċ-ċwievet għas-sezzjoni tal-friża. Madanakollu ma' nforma lil ħadd dwar dan, u ċioe la lid-Direttur Ġenerali nnifsu u lanqas lill-ebda uffiċċjal ieħor, li għal xi raġuni ma kienx segwa l-istruzzjonijiet speċifiċi tagħhom.*

- *Dan l-aġir irresponsabbli ikkawża telf potenzjali mill-bejgħ bl-irkant tal-qabda tal-ħut fl-ammont ta' erba' tunnellati u nofs ta' ħut li huma stmati li jammontaw għal aktar minn €160,000, meta parti minn din il-qabda kienu ċertament maqbuda fl-ibħra Maltin.*

- *Peress li d-Direttur Ġenerali ma kienx konsapevoli mill-fatt li r-rikorrent ma segwiex l-istruzzjonijiet tiegħu sabiex il-qabda tal-ħut tinbiegħ bl-irkant, proprju peress li r-rikorrent żamm għalih mistur dan il-fatt kruċjali, id-Direttur Ġenerali waqt li kien imsiefer ta l-kunsens tiegħu sabiex jiġi negozjat ftehim t'ammissjoni ta' ħtija fejn l-akkużati kellhom iħallsu multa ta' €28,000.*

- *Id-Direttur Ġenerali kien infurmat wara bl-aġir tar-rikorrent u ċioe' li m'ottemprax ruħu ma' l-istruzzjonijiet mogħtija sabiex il-ħut ikun irkantat, kif kellu kull dover li jagħmel fl-interess tad-Dipartiment, bil-konsegwenza li allura wara d-deċiżjoni tal-Qorti, kien tard wisq biex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi rimedjata.*

- *Illi minkejja li r-rikorrent ingħata struzzjonijiet ċari u speċifiċi, huwa ma eżegwihomx u wisq anqas ma nforma lis-superjuri tiegħu li ma segwiex il-proċeduri neċessarji kif ordnat, meta huwa kien ilu jokkupa l-kariga ta' Fisheries Protection Officer għal aktar minn erba' snin, u saħansitra ntbgħat mid-Dipartiment jsegwi korsijiet speċjalizzati f'dan il-qasam u konsegwentement m'hemm l-ebda dubju li r-rikorrenti kellu biżżejjed taħriġ u esperjenza sabiex iwettaq dmirijietu b'mod kompetenti.*

- *Illi konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti, id-Direttur Ġenerali VRFCC, segwa l-proċedura stabbilita relattiva għall-proċeduri ta' dixxiplina ai termini ta' l-Avviż Legali 186/1999 (kif emendat) L S Kost.03.*

- *Illi l-Bord tad-Dixxiplina kkonkluda r-rapport tiegħu fis-7 t'April, 2009, li permezz tiegħu sab lir-rikorrent ħati tat-tliet akkużi miġjuba kontra tiegħu.*

- *Illi sussegwentement ir-rikorrent ngħata smigħ ukoll quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku fis-7 ta' Mejju, 2009, fejn kellu d-dritt li jiġi assistit minn avukat.*

- *Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju, 2009, il-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ittermina l-ingaġġ tar-rikorrent fis-Servizz.*

***B. L-ilment tar-Rikorrent dwar allegat nuqqas fil-proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu.***

1. *Ir-rikorrent jilmenta li "l-proċedura adotta mill-Bord ta' Dixxiplina kienet waħda monka u dan billi kien hemm nuqqas serju proċedurali li jirrendi l-istess deċiżjoni tal-bord nulla". In sostenn ta' dan ir-rikorrent jgħid li tali nuqqas jikkonsisti fin-nuqqas ta' rappreżentant tad-Dipartiment quddiem il-bord sabiex dan ir-rappreżentant iġib 'il quddiem il-posizzjoni tad-Dipartiment, liema nuqqas skond ir-rikorrent wassal lill-*

*Bord biex jagħmlu l-każ bħala tagħhom, li skond hu jwassal għal-ksur tal-prinċipju fudamentali "nemo judex in causa propria", billi l-ġudikant tal-fatt kien ukoll il-prosekutur. Dan l-ilment huwa bla bażi fattwali u legali kif ser jiġi spjegat.*

2. *Illi l-esponenti fl-ewwel lok jirrilevaw illi l-proċedimenti quddiem Bord ta' Dixxiplina huma regolati taħt it-Taqsima III - Procedimenti Dixxiplinarji taħt Delega ta' Awtorita' tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (SL 0.03). Ir-regolament 22 jistipula l-funzjonijiet u setgħat tal-Bord u ċioe' sabiex jistħarreġ il-każ huwa għandu jistabbilixxi l-fatti u jibgħat il-konklużjonijiet lill-Kap tad-Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat. Filwaqt li r-regolament 23 jirregola l-proċeduri quddiem il-Bord u ċioe' fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord għandu jagħti opportunita xierqa liż-żewġ naħat li jippreżentaw il-każ tagħhom iżda għandu jelimina kull formalita żejda. Aktar importanti huwa r-regolament 25 ta' l-imsemmija leġislazzjoni li jistipula l-kontenut tal-konklużjonijiet tal-Bord u ċioe' li l-Bord jista' jagħmel biss ir-rapport bil-konklużjonijiet tiegħu, liema rapport skond ir-regolament 25 (3) m'għandux jinkludi fih rakkomandazzjoni dwar il-piena li tista' tiġi mposta. Dan kollu kien osservat rigorożament fil-każ in eżami kif jirriżulta mill-istess dokumentazzjoni prodotta mir-rikorrenti u ċioe r-rapport ta' stħarriġ tal-każ mill-Bord ta' Dixxiplina, anness mar-rikors promotur bħala Dok. B.*

3. *Illi kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, id-deċiżjoni dwar ħtija u dwar piena hija mħollija f'idejn il-Kap tad-Dipartiment; jidher ċar għalhekk illi l-Bord m'għandux is-setgħa li jieħu deċiżjoni u l-funzjoni tiegħu hija dik li jagħmel stħarriġ tal-każ u jagħmel rakomandazzjonijiet biex jgħin lill-Kap tad-Dipartiment jasal għal deċiżjoni tiegħu. Minn din id-deċiżjoni hemm dritt t'appell lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Fil-fatt ir-regolament 30 jipprovdi għad-dritt ta' appell kemm minn sejbien ta' fatt tal-Bord, kif ukoll minn deċiżjonijiet dixxiplinarji propju sabiex ma jingħadx li l-Kap tad-Dipartiment huwa l-prosekutur u l-ġudikant fl-istess waqt, kif ukoll meta l-uffiċjal ikun jista' jġib prova li kien hemm nuqqas t'osservanza serja tal-proċeduri stabbiliti bl-istess regolamenti li ppreġudikaw lill-uffiċjal. Dan ir-regolament jaħseb biex f'każijiet li jistgħu jintlaqtu jeddijiet ċivili ta' l-uffiċċjal dixxiplinat, ikun hemm jedd t'appell lill-Kummissjoni, organu mwaqqaf bil-Kostituzzjoni, li għandu l-indipendenza tiegħu mħarsa mill-istess Kostituzzjoni. Għalhekk ukoll l-ilment tar-rikorrenti dwar nuqqas serju tul il-proċeduri ta' dixxiplina, kif ukoll ksur tal-prinċipju "nemo judex in causa propria", billi l-ġudikant tal-fatt kien ukoll il-prosekutur huma bla bażi kemm legalment kif ukoll fattwalment.*

4. *Illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi kif allegati fir-rikors promotur.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

4. Rat li fis-6 ta' Awissu 2010 il-**Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*In linea preliminari, teċċepixxi n-nullita' tan-notifika peress li d-dokumenti msemmija fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ma ġewx notifikati lill-esponenti. Għalhekk, qed issir riżerva għal kwalunkwe eċċezzjoni ulterjuri meta ssir notifika regolari skond il-liġi.*

*Mingħajr preġudizzju, l-esponenti teċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti peress li l-kwistjoni jekk l-imsemmija Kummissjoni tkunx qdiet validament il-funzjonijiet tagħha hija insidikabbli (art. 115 tal-Kostituzzjoni).*

*L-allegazzjoni ta' leżjoni da parti tar-rikorrent hi limitata għad-"drittijiet fundamentali u kostituzzjonali" skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u s-sub-inċiż 10 tal-*

*art. 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artikolu 469A imsemmi għandu diversi inċiżi u sub-inċiżi u ma saret ebda indikazzjoni taħt liema minnhom l-ilment hu bażat. L-inċiż 10 tal-art. 124 huwa sempliċiment interpretattiv u ma jista bl-ebda mod jifforma bażi għal xi abbuż speċifiku kostituzzjonali li kontra tiegħu jista' jintalab rimedju. Fi kwalunkwe każ, dak is-sub-inċiż ma japplikax għall-fatti in kwistjoni għaliex jikkontempla soġġezzjoni għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità fuq xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha skond il-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni hi libera minn kull soġġezzjoni, u ebda soġġezzjoni m'hi allegata mir-rikorrent.*

*Jiġi rilevat illi għalkemm ir-rikorrent semma "drittijiet fundamentali" dan it-terminu ma jinkwadrax ruħu fil-Kapital IV tal-Kostituzzjoni li jistabilixxi "Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu". Taħt dan il-Kapitolu hemm kontemplati ħafna drittijiet u libertajiet u l-ebda wieħed minnhom ma ġie indikat fir-rikors u allura din l-Onorabbli Qorti hi prekluża milli tieħu konjizzjoni tagħhom għaliex tkun qed taġixxi u tiddeċiedi extra petita.*

*Dejjem bla preġudizzju l-esponenti qed tassoċja ruħha mal-eċċezzjoni tal-intempestivita' sollevata mill-intimati l-oħra, u fil-meritu tiddikjara li l-aġir tagħha kien korrett u regolari skond il-Kostituzzjoni u skond il-liġi.*

## Provi

5. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mar-rikors promotur, ossija ir-rapport tal-Bord ta' Dixxiplina datat 7 ta' April 2009 (fol 7) u l-ittra ta' tkeċċija datata 22 ta' Lulju 2019 (fol 5).

6. Rat l-affidavit ta' **Jean Pierre Sant** ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2011 (fol 58).

7. Rat li permezz ta' digriet datat 4 ta' Novembru 2011, il-Qorti ċaħdet it-talba li jiġi prodott kull file ta' dokumentazzjoni fil-proċedura li nżamm fil-konfront tar-rikorrent stante li hija ġenerika.

8. Rat li permezz ta' nota tar-rikorrent ippreżentata fit-12 ta' Diċembru 2011, ġiet eżebita kopja ta' ittra datata 9 ta' April 2009 (fol 77). Inoltre`, ġiet eżebita wkoll kopja ta' atti fil-proċedura ta' dixxiplina – rapport ta' stħarriġ tal-każ datat 7 ta' April 2011 (fol 78).

9. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2011, ir-rikorrent iddikjara li ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2011, minkejja li provi kienu ġia magħluqa, ġew ppreżentati dokumentazzjoni mir-rikorrent, liema dokumentazzjoni kienu ġia ġew ppreżentati mar-rikors promotur.

11. Rat li permezz ta' nota ippreżentata fis-6 ta' Marzu 2012, ġew eżebiti l-affidavit tal-veterinarju **Dr. Anthony Gruppetta** b'dokumenti annessi miegħu (fol 137) u affidavit ta' **Francis Caruana** (fol 164).

12. Rat li b'digriet datat 8 ta' Marzu 2012, din il-Qorti diversament preseduta, laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex jiġu kkunsidrati u deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari u awtorizzat lill-partijiet jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward.

13. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta' Jean Pierre Sant datata 8 ta' Marzu 2012 (fol 168).

14. Rat li permezz ta’ digriet datat 2 ta’ Ottubru 2012, din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba għal korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12, billi jitniżżlu l-kliem “Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.”

15. Rat li ngħatat sentenza preliminari minn din il-Qorti diversament preseduta, liema sentenza ġiet mogħtija fil-11 ta’ Diċembru 2012, fejn il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u astejniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni u qalet is-segwenti:

    *Rat l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u għar-ragunijiet fuq esposti allura qed tiddikjara li qed tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha stante li sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju għall-ksur allegat kienu disponibbli lir-rikorrenti skont il-liġi u hu liberament għażel li ma jisfruttahomx;*

    *Illi stante li għalhekk it-tieni eċċezzjoni preliminari hi allura superfluwa u superata, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess;*

    *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Jean Pierre Sant.*

16. Jirriżulta li s-sentenza preliminari ġiet appellata permezz ta’ rikors datat 31 ta’ Diċembru 2012.

17. Rat illi permezz ta’ sentenza deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fil-25 ta’ Ottubru 2013, intlaqa’ l-appell tar-rikorrent u s-sentenza preliminari deċiża ġiet revokata, fejn qalet is-segwenti:

    *21. Għaldaqstant l-ilment tar-rikorrent li l-ewwel qorti użat id-diskrezzjoni tagħha b’mod manifestament żbaljat, huwa ġustifikat, multo magis, meta kif fuq ġia indikat, dan huwa każ ta’ tkeċċija tiegħu mill-impieg.*

    *22. Illi, fiċ-ċirkostanzi, ġialadarba dan l-aggravju jirriżulta fondat, mhux il-każ li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra.*

    *Decide*

    *Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa’ l-appell tar-rikorrent, u tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-każ.*

    *L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku tal-intimati in solidum.*

18. Rat illi fis-27 ta’ Frar 2014, il-kawża reġgħet tqiegħdet fuq il-lista u tħalliet għall-provi rikorrenti.

19. Rat in-nota ta’ Jean Pierre Sant ippreżentata fid-19 ta’ Mejju 2014, li permezz tagħha ġew eżebiti serje ta’ dokumenti in konnessjoni mal-każ.

20. Rat ix-xhieda ta’ Jean Pierre Sant datata 27 ta’ Ġunju 2014 (fol 263).

21. Rat ix-xhieda ta’ **Alex Camilleri**, Field Recorder fis-suq tal-ħut**,** prodott mir-rikorrent u mogħtija fit-18 ta’ Frar 2015 (fol 302).

22. Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Abela**, impjegat fid-Dipartiment tad-Dwana, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-16 ta’ April 2015 (fol 311).

23. Rat ix-xhieda ta' **Dr. Elizabeth Quintano**, Assistent Reġistratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-16 ta' April 2015, u eżebiet sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 19 ta' Novembru 2008 (fol 313).

24. Rat li permezz ta' digriet datat 19 ta' Lulju 2016, il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba għall-korrezzjoni fl-okkju a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap 12, billi għandu jitniżżel "Il-Ministru għall-Iżvilupp sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima."

25. Rat illi bejn l-24 ta' Novembru 2015 u l-21 ta' Jannar 2020, saru dsatax-il seduta fejn ma sar xejn peress illi r-rikorrent kien qed jipprova jinġunġi bħala xhud rappreżentant tal-Ambaxxata Spanjola li kien jaħdem hemm fi żmien l-akkadut.

Semgħet ix-xhieda ta' **Oliver Borg**, bħala rappresentant tal-Identity Malta, mogħtija fil-21 ta' Jannar 2020. għgħgħgħ

26. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent għarraf lill-Qorti illi ma kienx qed jinsisti għax-xhieda tar-rappreżentant tal-Ambaxxata Spanjola, u għalhekk ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

27. Semgħet ix-xhieda ta' **Christopher Ciantar**, fil-kapaċita' tiegħu bħala Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru intimat fi żmien l-akkadut, mogħtija fit-3 ta' Marzu 2021 (fol 477).

28. Rat l-affidavit ta' **Josephine Attard**, bħala Compliance Officer fi ħdan il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, ippreżentat fil-14 ta' April 2021 (fol 480).

29. Semgħet ix-xhieda ta' Josephine Attard mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021, u ppreżentat ukoll dokumenti (fol 484).

30. Rat li fil-5 ta' Mejju 2021, ġie dikjarat li l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku m'għandhomx aktar provi x'jippreżentaw.

31. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Dr. Anthony Gruppetta mogħtija fl-15 ta' Diċembru 2021 (fol 506).

32. Semgħet ix-xhieda ta' Jean Pierre Sant in kontro-eżami mogħtija fis-16 ta' Marzu 2022 (fol 513).

33. Rat li fis-16 ta' Marzu 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali u għas-sentenza wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jean Pierre Sant ippreżentata fit-2 ta' Ġunju 2022 (fol 521).

35. Rat illi fit-2 ta' Ġunju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-4 ta' Ottubru 2022 b'dan illi l-intimati kellhom xahrejn biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet finali tagħhom.

36. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2022 (fol 530).

37. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control, Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Prim Ministru, ippreżentata fit-2 ta' Awissu 2022 (fol 506).

## Fatti tal-każ

38. Jirriżulta li r-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment Veterinary Regulations and Fisheries Conservation and Control bħala Fisheries Protection officer u dan permezz ta' kuntratt b'terminu ta' tlett snin li beda jiddekorri fl-1 ta' Ġunju 2007, kif jidher fil-kuntratt eżebit mir-rikorrent fid-19 ta' Mejju 2014 (fol 206).

39. Jirriżulta li fit-18 ta' Novembru 2008, ġie interċettat bastiment Spanjol, 'Ciudad de Cartagena' jistgħad mingħajr permess fl-ibħħra Maltin. Jirriżulta mill-provi li l-proċedura f'każijiet bħal dawn hija li jiġu intavolati proċeduri kriminali, wara jiġi ikkonfiskat il-ħut abbord u l-ħut sussegwentement jinbiegħ il-Pixkerija.

40. Jirriżulta li wara li ġie interċettat il-bastiment, ir-rikorrent kien ingħata struzzjoni sabiex iħott il-ħut u jistivah fil-freezers tad-Dipartiment. Iżda, dan ma sarx mir-rikorrent għaliex huwa sostna li ma kienx hemm friża aċċessibbli għalih fid-Dipartiment.

41. Jirriżulta illi konsegwentement il-ħut ikkonċernat f'dan il-każ (qabda ta' gambli) tħalliet kollha fuq l-imsemmi bastiment u ma nħattx, u s-superjur tar-rikorrent Dr. Gruppetta ma ġiex infurmat b'dan.

42. Jirriżulta, li ħadd ma ġie nfurmat li l-ħut tħalla fuq il-bastiment, u għalhekk il-proċeduri Kriminali li tmexxew bl-intiża li l-ħut ma kienx għadu fuq il-bastiment, b'hekk il-multa ma tirriflettix il-piena mitluba mill-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) konsegwentement ordnat ir-rilaxx tal-imsemmi bastiment tas-sajd u ma saret ebda riferenza għall-konfiska o meno tal-ħut.

43. Jirriżulta, di fatti, li r-rilaxx ġie ordnat u l-piena ingħatat abbażi tal-informazzjoni mogħtija fejn jirriżulta mill-provi li ħadd ma kien a konoxxenza tal-fatt li l-qabda ta' gambli tħalliet fuq il-bastiment.

44. Jirriżulta li sussegwentement, ir-rikorrent kien ġie infurmat li l-impjieg tiegħu ser jiġi itterminat. In segwitu, jirriżulta, li bdew proċeduri ta' dixxiplina kontrih fejn inżammu tlett seduti quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

45. Permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li d-Direttur Ġenerali VRFCC ma kellux rappreżentant fil-proċeduri ta' quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

46. Jirriżulta li wara li l-Bord ta' Dixxiplina mexxa s-seduti, il-Bord tad-Dixxiplina wasal għal konklużjonijet tiegħu fis-7 ta' April 2009 fejn sab ħtija fil-konfront tar-rikorrent.

47. Jirriżulta illi fl-14 ta' April 2009 (fol 253), r-rikorrent appella quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tiegħu, fil-21 ta' Lulju 2009 irrakkomandat illi l-impjieg tiegħu jiġi terminat.

## Ikkunsidrat

48. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi ir-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, iressaq ilment ta' indole kostituzzjonali li abbażi tiegħu qiegħed jikkontendi li l-jingħata r-rimedji sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, billi d-deċiżjoni tat-tkeċċija tar-rikorrent tiġi dikjarata bħala nulla u bla effett. Konsegwentement, qed jintalab li r-rikorrent jiġi ri-integrat fl-istess grad ta' impjieg li kellu u jingħata lura sa mid-data tat-tkeċċija l-paga u benefiċċji li kellu minħabba d-deċiżjoni tat-tkeċċija. Ir-rikorrent qed jikkontendi li dik id-deċiżjoni lediet id-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u s-subinċiż 10 tal-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

49. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati jqajmu, lkoll b'mod individwali d-difiżi tagħhom. Id-difiżi tad-Direttur Ġenerali VRFCC (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) Ministeru Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-Prim Ministru fil-mertu huma s-segwenti:

   a. It-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

   b. L-ilment tar-rikorrent dwar l-allegat nuqqas fil-proċeduri dixxiplinarji kontrih, li skont hu jwassal għal-ksur ta' prinċipju fundamentali 'nemo judex in causa propria', huwa ilment bla bażi fattwali u legali.

   c. Il-proċediment quddiem il-Bord ta' Dixxiplina huwa regolat taħt it-Taqsima III - Proċedimenti dixxiplinarji taħt delega ta' Awtorita` tar-regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (SL 0.03). ir-regolament 22 jistipula l-funzjonijiet u setgħat tal-Bord u ċioe` sabiex jistħarreġ il-każ huwa għandu jistabbilixxi l-fatti u jibgħat il-konklużjonijiet lill-Kap tad-Dipartiment u lill-Uffiċjal akkużat. Ir-regolament 23 jirregola l-proċeduri quddiem il-Bord u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Bord. Ir-regolament 25 jistipula li l-kontenut tal-konklużjoni tal-Bord jista' jagħmel biss ir-rapport bil-konklużjonijiet tiegħu, li m'għandux jinkludi fih ir-rakkomandazzjoni dwar il-piena. Kif ritenut mill-Qrati tagħna, id-deċiżjoni dwar ħtija u piena hija mħollija f'idejn il-Kap tad-Dipartiment, għalhekk jidher li l-Bord m'għandux s-setgħa li jieħu deċiżjoni u l-funzjoni tiegħu hija li jagħmel stħarriġ u u li jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jgħin lill-Kap tad-Dipartiment jasal għall-konklużjoni tiegħu. Minn din id-deċiżjoni hemm dritt ta' appell lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent dwar nuqqas serju tul il-proċeduri ta' dixxiplina, kif ukoll ksur tal-prinċipju 'nemo judex in causa propria', billi l-ġudikant tal-fatt kien ukoll il-prosekutur huma bla bażi kemm legalment kif ukoll fattwalment.

50. Jirriżulta li l-intimat Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku eċċepixxa fil-mertu s-segwenti:

   a) In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti peress li l-kwistjoni jekk l-imsemmija Kummissjoni tkunx qdiet validament il-funzjonijiet tagħha hija insindikabbli (Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni).

   b) L-allegazzjoni ta' leżjoni da parti tar-rikorrent hija limitata għad-drittijiet fundamentali u Kostituzzjonali skont l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u s-subinċiż 10 tal-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li huwa

biss artikolu interpretattiv, li ma jistax jifforma bażi għal abbuż speċifiku li kontra tiegħu jista' jintalab rimedju. Inoltre`, dak is-subinċiż ma japplikax għall-fatti in eżami f'din il-vertenza.

c) Għalkemm ir-rikorrent semma 'drittijiet fundamentali', huwa ma indika l-ebda mill-artikoli imsemmija fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni li jistabilixxi "Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu." Ebda wieħed minn dawn l-artikoli ma ġie indikat mir-rikorrent, b'hekk din il-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tagħhom għaliex tkun qed taġixxi *extra petita*.

**Difiżi Preliminari tal-intimati**

**It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari – Leġittimu Kontradittur**

51. It-tieni eċċezzjoni preliminari hija li l-Ministeru Riżorsi u Żvilupp Rurali u l-Prim Ministru mhumiex il-leġittimi kontradituri a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

*52.* Ġie sostnut, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija l-entita` li għandha primarjament twieġeb għal din l-azzjoni. L-argument sottomess fis-sottomissjonijiet, isostni, li joħroġ ċar li l-ilment tar-rikorrent huwa in fatti bbażat fuq il-prinċipju *nemo judex in causa propria* fil-proċeduri tal-Bord ta' Dixxiplina. Għalhekk, qed jiġi sostnut, li l-Ministeru għar-Riżorsi u Żvilupp Rurali u l-Prim Ministru għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

53. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li huwa fl-interess aħħari ta' l-intimati Direttur Ġenerali (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, u Prim Ministru li jkunu parti f'din il-kawża, u dan sabiex ikunu f'pożizzjoni jressqu d-difiżi tagħhom, u jagħtu stampa ċara tal-fatti u ċ-ċirkostanzi.

54. Di piu`, minn ħarsa tat-talba kif dedotta fir-rikors promotur, ir-rikorrent qed jitlob mhux biss li d-deċiżjoni ta' tkeċċija tiegħu tiġi dikjarata nulla u bla effett. Iżda, qed jitlob ukoll li jiġi ri-integrat fl-impjieg tiegħu, u li jingħata l-paga u benefiċċji b'lura sa mid-data tat-tkeċċija tiegħu – fatt illi ċertament huwa fl-interess ta' l-intimati fuq imsemmija u li jimpinġi direttament fuqhom.

55. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn it-talbiet, din l-eċċezzjoni preliminari m'hemmx lok li tintlaqa' għaliex wara l-istħarriġ fil-mertu, f'każ li r-rikorrent kellu jiġi ri-integrat, ir-ri-integrazzjoni tikkonċerna d-Dipartiment fejn kien impjegat u mhux il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.

56. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, u Prim Ministru.

**It-tielet eċċezzjoni preliminari – ir-rikors ma jispeċifikax l-Artikoli tal-Kostituzzjoni.**

57. Preliminarjament, ġie eċċepit li r-rikors kif redatt ma jispeċifikax l-Artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea abbażi ta' liema qed jallega ksur tad-

drittijiet fundamentali, b'hekk ir-rikors mhuwiex konformi mar-regolament numru 3 Dwar il-Prattika, il-Proċedura u l-Buon Ordni fil-Qrati (SL 12.09).

58. Dan il-fatt li r-rikorrent ma speċifikatx l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea, abbażi ta' liema qed jallega li d-drittijiet tiegħu ġew leżi, ser tiġi trattata aktar 'il quddiem fil-mertu. Abbażi ta' dak li ser jiġi trattat aktar 'il quddiem fil-mertu, takkolji din l-eċċezzjoni preliminari.

59. Abbażi ta' dan illi ser jingħad aktar 'il quddiem, il-Qorti qed tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari.

## Ir-raba' eċċezzjoni preliminari- Nuqqas ta' ġurisdizzjoni

60. In linea preliminari wkoll, ġie eċċepit, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante li l-mertu tar-rikors promotur huwa dwar ingaġġ u tkeċċija mis-Servizz Pubbliku, liema ingaġġ u tkeċċija jaqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku. Kompla jiġi eċċepit li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku hija insindakabbli a tenur tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

61. Din l-istess eċċezzjoni preliminari ġiet sollevata wkoll mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.

62. Referibbilment għal din l-eċċezzjoni, din il-Qorti tirrileva li r-rikorrent, permezz tat-talba tiegħu kif dedotta, ma talabx li jiġi sindakat biss it-tkeċċija tiegħu mis-Servizz Pubbliku iżda mar oltre`, u qed jallega wkoll ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Għalhekk, din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni tistħarreġ il-mertu tal-każ sabiex jinstab hekk hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali jew le. Dan l-istħarriġ bl-ebda mod ma jissindika d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iżda janalizza l-fatti tal-każ kif rakkontati fil-mori ta' dan il-każ.

63. Għalhekk, tirrespinġi wkoll din ir-raba' eċċezzjoni preliminari u tiċħad ukoll bl-istess mod l-istess eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

## Meritu tal-każ

64. Ikkunsidrati l-eċċezzjonijiet preliminari, il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet fuq il-mertu tal-każ.

65. Fir-rigward tal-mertu ta' dan il-każ, jeħtieġ li jissemmew il-punti saljenti tar-riżultanzi fattwali.

66. Jirriżulta, li f'Novembru 2008, ir-rikorrent, bħala Fisheries Protection Officer, kien ingħata ordni mis-superjur tiegħu, id-Direttur Ġenerali sabiex iħott il-ħut minn bastiment li kien inqabad jistad f'ibħra territorjali Maltin u li kien qed jidaħħal fil-Port il-Kbir mill-Forzi Armati.

67. Ir-rikorrent, kemm fil-premessi kif ukoll fix-xhieda, jipprova jiġġustifika l-fatt li hu m'għamilx kif ordnat lilu. Semma diversi raġunijiet, fosthom, li ma kienx hemm friża fejn kellu jżomm il-qabda ta' gambli fuq l-imsemmi bastiment, li ma setax isib iċ-

ċwievet tal-friża, u lanqas kellu awtorita` li jġib 'truck freezer' sabiex il-qabda tinġarr lejn il-pixkerija.

68. Konsegwenza tal-aġir, jew nuqqas ta' aġir, tar-rikorrent, il-qabda nżammet fuq il-bastiment, mingħajr l-għarfien tas-superjuri tar-rikorrent.

69. Jirriżulta, in atti, li huwa bl-ebda mod ma informa bl-allegati diffikultajiet riskontrati, minkejja l-istruzzjonijiet li huwa kien ingħata sabiex iħott il-ħut, liema ħut kellu jinbiegħ fil-pixkerija, kif inhu prassi li jsir f'każijiet ta' din ix-xorta, fejn jinqabad bastiment jistad fl-ibħra territorjali Maltin. Huwa fatt inkontestat, li r-rikorrent ma nfurmax li l-qabda inżammet fuq il-bastiment.

70. Huwa imperattiv li jiġi innutat li fis-sena 2008, ir-rikorrent ma kienx ġdid f'din il-kariga li huwa kellu fil-grad ta' Fisheries Protection Officer. Jidher mill-kuntratt ta' impjieg tiegħu, Dok XX1 a fol 207, li huwa kien ġie ingaġġat fit-28 ta' Novembru 2007. Inoltre`, skont il-kuntratt ta' impjieg ta' l-istess rikorrent, dan kien jaqa' fil-'job description' tiegħu, kien espliċitament indikat li dan kien jaqa' fl-obbligi kuntrattwali tiegħu. Fil-fatt, fl-Appendix 1 ma' l-istess kuntratt ta' impjieg hemm id-doveri elenkati taħt is-subtitolu 'technical':

> *'Enforce the Fisheries Conservation and Management Act 2001 (Act No. II of 2001) and all related or subsequent legislation and regulations.*
>
> *Monitor fishing vessels, in part by using electronic systems to enforce regulations relating to the 35mile management zone.*
>
> *Conduct inspections, as appropriate, at fish markets, harbours and at sea. The inspections may focus on fishing grounds, catches, the fishing vessels themselves or fishing equipment'.*

71. Għalhekk, ġie stabbilit, li l-ordni li ngħatat lir-rikorrent kienet fil-job description tiegħu, u ġie ippruvat li huwa ma nfurmax lil ta' fuqu, li ma kienx wettaq l-inkarigu lilu mogħti. Infatti, fix-xhieda tiegħu Anthony Gruppetta, id-Direttur tad-Dipartiment, sostna b'mod ċar, li r-rikorrent lanqas biss indenja ruħu jċempillu u jinfurmah bit-telefon li ma kienx ħatt il-ħut minn fuq il-bastiment kif ġie ordnat.

72. Il-konsegwenza ta' dan l-aġir tar-rikorrent kienet li l-Qorti tal-Maġistrati, fil-proċeduri Kriminali li ttieħdu, ma pprovdietx għall-konfiska tal-ħut kontra l-bastiment, li baqa' bil-ħut abbord, b'detriment finanzjarju għad-Dipartiment.

73. Tant huwa hekk, li fl-istess minuti tal-Bord tad-Dixxiplina, annessi mar-rikors promotur, Dottor Gruppetta stess ikkonferma li meta ċemplitlu Dottor Donatella Frendo Dimech, f'dak iż-żmien mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, biex tara jekk ġietx aċċettata ċ-ċifra tal-multa li ġiet negozjata, hija lanqas ma kienet taf li l-ħut kien għadu abbord.

74. Għaldastant, jidher evidentement, li dak premess fir-rikors promotur, li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma pprovdietx fuq il-ħut abbord, u li l-Qorti ordnat ir-rilaxx tal-imsemmija skuna tas-sajd bil-konsenja tal-ħut, m'għandux mis-sewwa.

75. Jiġi osservat ukoll, li r-rikorrent qatt ma ressaq ilment quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Jirriżulta mill-minuti li l-Bord ta' Dixxiplina sema' kemm ix-xhieda ta-Dipartiment kif

ukoll r-rikorrent, fejn l-istess rikorrent, permezz tar-rappreżentant tiegħu tal-Union, għamel domandi in kontro eżami lix-xhieda wkoll.

76. Jirriżulta li, fil-proċeduri ta' Dixxiplina, ħareġ li r-rikorrent ma kienx mar fuq is-sit fejn kien hemm il-bastiment. Dan ħareġ mix-xhieda ta' Alex Camilleri, li xehed li r-rikorrent kien infurmah biex joqgħod huwa mal-bastiment. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tirrimarkax li, filwaqt li, meta r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fil-bidu ta' din il-proċedura, ma semmiex li huwa kien mar fuq is-sit tal-bastiment. Meta xehed quddiem il-Qorti **ħdax-il sena wara** u **in kontro-eżami**, huwa sostna li kien mar fuq is-sit fejn kien hemm il-bastiment li kien qed jistad fl-ibħra Maltin. Dan il-kunflitt fix-xhieda tal-istess rikorrent jimpinġi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda tar-rikorrent. Di piu`, il-fatt li xehed dwar fix-xhieda snin wara l-akkadut, fejn sostna li kien mar fuq is-sit fejn kien hemm il-bastiment hija inverosimili.

77. Inoltre`, il-ġustifikazzjonijiet li ttenta jġib ir-rikorrent fil-proċedura miġjuba kontrih, fosthom li ma setax isib iċ-ċwievet tal-friża, li ma kienx awtorizzat iġib trakk sabiex tinġarr il-qabda biex tittieħed ġo friża, huwa għal kollox superfluwi, meta ikkunsidrat il-gravita` tal-każ.

78. Għalhekk, jidher, li in vista tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, il-Bord ta' Dixxiplina mexa sew, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent.

79. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, li l-proċedura mill-Bord ta' Dixxiplina tmexxiet skont kif rikjest mil-ligi. Il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku issottolineat, li t-terminu ta' żmien sabiex jinbdew il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent, kienu stipulati fl-Artikolu 41 tal-Regolamenti ta' Dixxiplina, liema regolament kien jippermetti l-estensjoni li seħħet. Di piu`, ġie sottolineat ukoll mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, li l-Kap tad-Dipartiment għandu diskrezzjoni u mhux obbligazzjoni li jattendi għall-proċedura quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, iżda dan ma jistax jingħad li huwa prova ta' nuqqas proċedurali.

80. Ir-rikorrent ibbaża l-ilment tiegħu prinċipalment fuq il-fatt li nkiser il-prinċipju ta' '*nemo judex in causa propriam*'. Dan il-prinċipju derivat mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali jfisser li ħadd ma jista' ikun qed jiġġudika l-akkuża li jagħmel huwa stess.

81. Referibbilment għal dan il-prinċipju, fil-kawża **Andrew Francis Joseph Grant noe vs Chev Erik Gollcher noe**, Appell Ċivili deċiż fis-26 ta' Ġunju 1953 ingħad:

> *"The rules of Natural Justice denote certain principles which must be followed by all who discharge judicial functions. These are that a man must not be a judge in his own cause and that both parties must be heard. ………When no statutory right of appeal is given from these special or administrative tribunals, their decisions are liable to review by the Courts of Law, only on purely technical grounds, such as lack of jurisdiction or want of natural justice."*

82. Jiġi puntwalizzat, li allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet ta' dan il-prinċipju ta' Ġustizzja Naturali, iridu jiġu mistħarrġa fil-konkret u mhux fl-astratt. Fil-każ **Kraska vs Switzerland** deċiż fid-19 ta' April 1993, l-ECHR osservat:

> *"The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in the administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified (see, among other authorities Hauschildt vs Denmark judgement of 24 May 1989, Series A no. 154, p.21, para 48)."*

83. Għalkemm dan il-prinċipju ta' Ġustizzja Naturali *nemo judex in causa propria*, kien oriġinarjament japplika għall-Qrati Ċivili, mat-tkabbir tas-setgħat amministrattivi, dan il-prinċipju ġie estiż ukoll għall-isfera amministrattiva. Għalhekk, dawn il-prinċipji ta' Ġustizzja Naturali ġew estiżi wkoll għal entitajiet b'funzjoni ġudizzjarja jew kważi ġudizzjarji. Il-Qrati Maltin imxew fuq il-każistika Ingliża dwar dan.

84. F'dan il-kuntest, relevanti huwa dak ikkwotat fil-każ **Dr. Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali** (86/17 JZM) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali fejn ġie kkwotat il-każ **Regina vs Bow Street, Metropolitan Stipendiary Magistrate, ex parte Pincohet Ugarte** deċiż mill-House of Lords fil-15 ta' Jannar 1999, magħruf bħala The Pinochet Case. F'dan il-każ, il-fehma ta' Lord Hope of Craigheard irrimarka hekk:

> *"One of the cornerstones of our legal system is the impartiality of our tribunals by which justice is administered. In civil litigation the guiding principle is that no one may be a judge in his own cause; nemo debet esse judex in propria causa. It is a principle which is applied much more widely than a literal interpretation of the words might suggest. It is not confined to cases where the judge is a party to the proceedings. It is applied also to cases where he has a personal or pecuniary interest however small."*

85. Ladarba dan il-prinċipju ta' Ġustizzja Naturali huwa intrinsiku għall-imparzjalita`, kull allegazzjoni ta' 'bias' trid tiġi ppruvata fil-konkret, filwaqt li sempliċe allegazzjoni għandha tiġi skartata minn din il-Qorti.

86. F'dan ir-rigward, anke b'referenza għall-imparzjalita`, huwa sinjifikanti dak ġitat fil-ktieb **Protecting the right to a fair trial under the European Convention** (Council of Europe Human Rights Handbook : Strasbourg : 2012) l-awtur Dovydas Vitkauskas jagħmel rassenja tal-prinċipji li jsawru dak li għandu jfisser 'an impartial tribunal' b'eżempji ta' sitwazzjonijiet naxxenti minn ġurisprudenza tal-ECHR:

> *"While the notion of the "independence" of the tribunal involves a structural examination of statutory and institutional safeguards against interference in the judicial matters by other branches of power, "impartiality" entails enquiry into the court's independence vis-a-vis the parties of a particular case (piersack)……..Independent and impartial tribunal established by law may lead to a violation of the impartiality requirement, even if there are no reasons to doubt the impartiality of other (or a majority of other) judges (Sander vs United Kingdom 18-35). Impartiality is a lack of bias or prejudice towards the parties."*

87. Hawnhekk, issir referenza għal dak li ingħad minn Lord Denning fil-każ **Metropolitan Properties Co. vs Lannon** (1968) [3 All ER 304] :

> *"In considering whether there is a real likelihood of bias, the court does not look at the mind of the justice himself or at the mind of the Chairman of the tribunal or whoever it might be, who sits in a judicial position. It does not look to see if there was real likelihood that he would or did, in fact favour one side at the expense the other. The Court looks at the impression which would be given to other people. Even if he was impartial as could be, nevertheless if right minded persons would think that, in the circumstances, there was a real likelihood of bias on his part, then he should not sit."*

88. Applikati dawn il-prinċipji u dan l-insenjament għall-każ in eżami, jiġi rilevat li l-ilment prinċipali tar-rikorrent, kif ippernjat fuq il-prinċipju suċitat, *nemo judex in causa propria*, huwa li d-Dipartiment (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) fil-Bord tad-Dixxiplina, u d-Direttur konċernat <u>ma kellux</u> rappreżentant f'dan il-Bord. Dan huwa infatti, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent fir-rikors promotur, li meta ttieħed il-proċeduri dixxiplinarji kontrih, id-Direttur tad-Dipartiment ma kellux rappreżentant.

89. Tali lment tar-rikorrent u nuqqas tad-Direttur Ġenerali li jkollu rappreżentant preżenti fil-proċeduri ta' dixxiplina, ċertament, bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat, li kien hemm ksur tal-prinċipju fuq imsemmi, għaliex l-aktar kriterju bażilari ta' dak il-prinċipju huwa, li min jakkuża jrid ikun hu li qed imexxi l-proċeduri. Evidentement, jidher li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax taħt dan il-prinċipju.

90. Lanqas teżisti il-kwistjoni li l-membri tal-Bord kienu nvoluti fil-kwistjoni li seħħet. Anzi, jirriżulta anke mill-minuti tal-Bord ta' Dixxiplina, eżebiti mar-rikors promotur bħala Dok B, fejn jidher li instemgħu ż-żewġ partijiet, b'mod li l-proċeduri tmexxew sew. Konsegwentement, bl-ebda mod ma jista' jingħad li kien hemm xi imparzjalita` jew nuqqas ta' smigħ xieraq. Dan ċertament, mhuwiex il-każ.

91. Di piu`, relevanti huwa l-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, liema artikolu kif viġenti fis-sena 2009 meta ttieħdu l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kien jgħid hekk:

> *"A Head of Department preferring charges of misconduct or breach of discipline against an officer shall be entitled to be represented by any person of his choice, at every stage of any hearing before a Disciplinary Board or before the Commission including any hearing on appeal."*

92. Jiġi osservat ukoll, li l-proċeduri relatati mal-Bord ta' Dixxiplina huma distinti u separati mill-proċeduri tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku. Infatti, jirriżulta manifestament ċar mill-provi, li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku reġgħet semgħet lir-rikorrent u lill-partijiet, u b'hekk instemgħu l-fatti u l-provi f'aktar minn stadju wieħed.

93. Hawnhekk, ta' min isemmi, li kif qabel ma nbdew il-proċeduri Kostituzzjonali odjerni, r-rikorrent qatt ma kien ilmenta mill-proċeduri meħuda mill-Bord ta' Dixxiplina u lanqas ma lmenta mill-proċedura tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku. Dan

jinsab ikkonfermat fl-istess petizzjoni mibgħuta mill-istess rikorrent lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din il-petizzjoni, bla data, tinsab eżebita mar-rikors promotur (fol 25). F'din il-petizzjoni, ir-rikorrent kiteb hekk:

> *"Illi in segwitu ta' dan ir-rapport dipartimentali, aktar minn rapport ta' Bord ta' Dixxiplina, il-PSC mingħajr ma ħadet konjizzjoni ta' dawn il-fatti hekk importanti għal kwalnkwe tribunal aġġudikattiv, baqgħet fuq l-istess premessi vantati minn dan il-Bord u għalkemm icto oculi imxiet proċeduralment korretta billi semgħet lil Jean Pierre Sant fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2009, l-istess ma ngħataw ebda piż il-fatti konċernati l-każ."*

94. Inoltre`, Josephine Attard, Compliance Officer mal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, sostniet fix-xhieda li kemm minn naħa tad-Dipartiment kif ukoll ir-rikorrent kellhom l-opportunita` jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem il-Kummissjoni skont ir-Regolament 26(2) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.

95. In vista ta' dawn ir-riżultanzi u provi, din il-Qorti tqis, li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova l-ilment tiegħu li, kif ippernjat fuq il-prinċipju *nemo judex* in *causa propria,* huwa manifestament żbaljat.

*96.* Jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova dak minnu allegat. Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat.*

97. Din il-Qorti tosserva li, għalkemm ir-rikorrent dam għaxar snin sakemm ikkonkluda l-provi tiegħu, sabiex jgħid lill-Qorti x'ġara dwar fatti tal-każ, huwa xorta ma ikkonvinċiex lill-Qorti li kien hemm leżjoni ta' drittijiet fundamentali fil-konfront tiegħu.

98. Konsegwentement, il-pern ta' l-ilment tar-rikorrent kif dedott abbażi tal-prinċipju *nemo judex in causa propria* huwa infondat u inveritjeir, u ma jistax jirnexxi.

99. Inoltre`, ma jistax ma jingħadx li, kif tajjeb sottomess mill-intimati, ir-rikorrent ma indikax ksur ta' dritt fundamentali speċifiku, b'hekk ma ġiex indikat l-artikolu applikabbli li bih seta' ħass id-drittijiet tiegħu leżi. Dan ma ġiex indikat la fil-premessi, lanqas fl-andament tal-każ, matul l-għaxar snin li r-rikorrent dam iressaq il-provi tiegħu, u lanqas fis-sottomissjonijiet.

100. Minflok, ir-rikorrent fir-rikors promotur, indika li d-deċiżjoni tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg illediet id-drittijiet fundamentali u Kostituzzjonali a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u s-subinċiż 10 tal-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

101. Fl-ewwel lok, jiġi nnutat, li ma jirriżulta minn imkien mill-provi, li r-rikorrent ipproċeda b'azzjoni a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kellu dritt jagħmel. Li kieku r-rikorrent ried jissindika l-att ta' tkeċċija ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 seta' għamel dan b'mod separat u mhux f'dan il-każ. Ir-rikorrent seta' jilmenta mill-proċeduri ta' Bord ta' Dixxiplina a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12. Iżda, huwa qatt ma ilmenta dwar il-mod kif tmexxa l-Bord preċedentement għal dan il-każ.

102. Minflok, huwa ipproċeda bil-proċedura odjerna, billi qed jikkontendi li t-tkeċċija mill-impieg tiegħu illediet id-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 469A tal-Kap 12.

103. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimati li l-proċedura odjerna hija monka stante li l-Artikolu 469A ma jissalvagwardja l-ebda dritt Kostituzzjonali jew Konvenzjonali tar-rikorrent. Għalhekk, mhux talli r-rikorrent ma ndikax l-artikolu applikabbli għal ksur ta' dritt speċifiku, talli indika ksur ta' drittijiet kif sanċit fl-Artikolu 469A tal-Kap 12, liema artikolu huwa estraneju u inapplikabbli għal proċedura Kostituzzjonali ta' din ix-xorta.

104. Hawnhekk, ma jistax ma jingħadx, li l-mod kif formulat ir-rikors u t-talba kif dedotta f'dan il-każ, ikkunsidrat, il-mertu ta' l-ilment prinċipali tar-rikorrent fid-dawl tal-fatti u r-riżultanzi, ir-rikors odjern huwa abbuż tal-proċedura Kostituzzjonali.

105. Inoltre`, dak imsemmi fir-rikors, b'referenza għas-subinċiż tal-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jistax jifforma bażi għal rimedju kontra ksur Kostituzzjonali.

106. Kif tajjeb eċċepit mill-Kummsissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fir-risposta, 8is-subinċiż 10 tal-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni huwa biss interpretattiv, ma japplikax għall-fatti tal-każ in eżami għaliex jikkontempla soġġezzjoni għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` fuq xi persuna jew awtorita` oħra fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha skont il-Kostituzzjoni.

107. Għaldaqstant, isegwi, li fid-dawl tas-suespost, l-ewwel talba tar-rikorrent sabiex tiddikjara d-deċiżjoni tat-tkeċċija hija nulla u bla effett ma tistax tintlaqa'. Ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova li d-deċiżjoni ta' tkeċċija ma kinitx ġustifikata. Infatti, din il-Qorti hija konvinta mill-provi prodotti fl-atti tal-każ, li l-proċeduri kemm tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku tmexxew skont ir-regoli.

108. Konsegwentement, it-tieni u t-tielet talba għar-rintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg, u sabiex jingħata il-paga u l-benefiċċji sa mid-data tat-tkeċċija, ma jistgħux jintlaqgħu.

109. Din il-Qorti qed tirrespinġi dawn it-talbiet, stante li kif diġa ribadit l-ilment tar-rikorrent mhuwiex ippruvat, kwindi l-ilment tiegħu huwa infondat u inġustifikat.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar rikorrent, u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Prim Ministru dwar il-leġittimu kontradittur.

**Tilqa’** t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-Prim Ministru.

**Tiċħad** ir-raba’ eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali (Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control) Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Prim Ministru, dwar in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni.

**Tiċħad** bl-istess mod l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni.

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet fil-mertu kollha ta’ l-intimati.

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrent kif dedotta għar-raġunijiet spjegati.

L-ispejjeż għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur